MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2004

Appell Civili Numru. 128/1998/1

**Alfred Falzon u Nathalie Rodger bhala prokuratur specjali tal-assenti Frances Falzon**

**vs**

**Karmenu u Monica konjugi Scerri**

**Il-Qorti,**

Fit-18 ta' April 2002 il-Bord li Jirregola l-Kera ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Bord,

Ra r-rikors;

1. Illi l-esponenti huma sidien tal-fond numru 76, Barracks Street, Qormi liema fond hu mikri lill-intimati bil-kera ta' disghin lira maltin (Lm90.00) fis-sena, pagabbli kull sitt (6) xhur bil-quddiem.

2. Illi l-esponenti nterpellaw lill-intimati permezz ta' zewg ittri ufficjali datati 4 ta' April 1998, ihallsu l-kera ghall-perjodi:

2 ta' Jannar 1993 sal-1 ta' Lulju 1993
2 ta' Lulju 1993 sal-1 ta' Jannar 1994
2 ta' Jannar 1994 sal-1 ta' Lulju 1994
2 ta' Lulju 1994 sal-1 ta' Jannar 1995
2 ta' Jannar 1995 sal-1 ta' Luljuu 1995
2 ta' Lulju 1995 sal-1 ta' Jannar 1996

u

2 ta' Jannar 1996 sal-1 ta' Lulju 1996
2 ta' Lulju 1996 sal-1 ta' Jannar 1997
2 ta' Jannar 1997 sal-1 ta' Lulju 1997
2 ta' Lulju 1997 sal-1 ta' Jannar 1998
2 ta' Jannar 1998 sal-1 ta' Lulju 1998

rispettivament.

3. Illi ghalkemm debitament interpellati u notifikati, l-intimati baqghu inadempjent.

4. Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu illi dan l-Onorabbli Qorti jogghbu jawtorizza l-izgumbrametn tal-intiamti mill-fond fuq imsemmi.

Ra r-risposta ta' l-intimati li qalu li

1. Illi in effetti l-pretenzjonijiet tar-rikorrenti ghandhom jigu respinti bl-ispejjez stante li primarjament ma jirrispekkjawza il-fatti. Dan peress illi r-rikorrenti huma separati legalmetn u ghalhekk iridu jikkonfiguraw bhala tali.

2. Illi r-rikorrenti irid igib il-prva li ghandu prokura tal-assenti martu.

3. Illi kien sar arangament bejn l-intimati u r-rikorrenti Frances Falzon sabiex ma tithallasx kera

sakemm ma ssirx tpacija bejn dak dovut lill-istess intimati skond sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili datata 28 ta' Frar 1992 fl-ismijiet inversi.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema x-xhieda bil-gurament.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra l-atti.

Sema t-trattazzjoni tal-avukati.

Ra l-verbali tas-7 ta' Frar u tal-4 ta' Marzu 2002.

Ikkonsidra,

1. Il-fond 76, Triq Barracks, Qormi inxtara mir-rikorrent Alfred Falzon minghand Salvatore Zammit fis-27 ta' Novembru 1968 (fol 100-101). Kien b'cens ghand l-intimati bl-Lm40 fis-sena. Meta ghalaq ic-cens iddawwar f'kera ta' Lm90 fis-sena kif ghadu sallum. Il-ftehim sar mar-rikorrenti Francis Falzon (fol 65-66).

2. B'sentenza ta' l-1 ta' Lulju 1997 giet dikjarata mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili l-firda bejn ir-rikorrenti. Ir-rikorrenti kienet giet awtorizzata li taghmel dik il-kawza b'digriet moghti mill-Onorabbli Sekond'Awla tal-Qorti Civili fit-23 ta' Mejju 1991. Ir-rikorrenti infirdu 'de facto' fl-1974. Il-propjeta' immobbli baqghet 'in komun' (fol 42-56)

3. It-tieni eccezzjoni tal' l-intimati giet imregga lura fis-seduta tas-27 ta' Lulju 1998. Fl-okkju ta' dan ir-rikors ma jinghadx li r-rikorrenti huma separati imma dan ma jgieb ebda nullita'. L-intimati qeghdin jikru minghand iz-zewg rikorrenti. Ghalhekk l-ewwel eccezzjoni qed tigi michuda.

4. It-talba tar-rikorrenti hi msejjsa fuq nuqqas ta' hlas ta' kera ta' hdax-il skadenza.

5. L-intimati qed jeccepixxu li kien sar arrangament li ma jithalasx kera imhabba sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Frar 1992. Din is-sentenza giet esebita (fol 21-27). L-intimati ghamlu kawza kontra Frances Falzon dwar hsarat fil-fond. Il-konvenuta (illum rikorrenti)giet kkundanata biex fi zmien tlett (3) xhur issewwi l-hsarat u fin-nuqqas l-atturi (illum konvenutirikorrenti) kellhom jaghmlu ix-xogholijiet huma a spejjez tal-konvenuta. Fis-sentenza hemm ix-xogholijiet li kellhom isiru. L-ispiza kienet ta' Lm266.

6. Fil-11 ta' Marzu 1992 l-avukat ta' l-intimati kitbet lir-rikorrenti Frances Falzon u interpellatata biex fi zmien jumejn (2) ihallsu "is-somma ta' Lm266 bhala sorte (hsarat li sofrew fil-fond taghhom) u Lm190.066 bhala spejjez."

7. L-ittra intbaghtet qabel ma ghaddew it-tlett xhur li fihom ir-rikorrenti kellha ssewwi hi: Il-Lm266 ma kienux sorte.

8. Mid-dokumenti a fol 72-75 l-intimat Carmelo Scerri beda jiddepozita l-kera taht l-Awtorita' tal-Qorti. L-ahhar cedola saret fis-26 ta' Jannar 1987 (Dok L a fol 75). Il-kera bdiet tingibed mir-rikorrenti. mid-dokument M (fol 76) jirrizulta li r-rikorrenti Francis Falzon irceviet Lm225 kera b'lura ghaz-zmien 5 ta' Lulju 1987-31 ta' dicembru 1989. Thallset kera ohra, 1 ta' Jannar – 30 ta' Gunju 1990, lir-rikorrenti (ara isfel).

9. Il-Bord ma jifhimx xi jrid jghid ir-rikorrenti Alfred Falzon:

"Gej u sejjer ghandhom, nghidilhom li l-kera ghalqet. Ghal xi perjodu ta' sittax-il sena din il-kera kienet issekwestrata, kull sena kont nibghatilhom sekwestru biex jaghmlu l-Qorti u ma ghamluha qatt" (fol 8). Jghid ukoll li lilu ma hallsuhx kera ghal ghoxrin sena (fol 36)

10. Ir-rikorrenti Francis Falzon l-ewwel tghid li l-kera kienet tirceviha hi u r-ragel, ezatt wara tghid:

“Ghamlu (l-intimati) xi perjodu zghir qasir tawhom lili, xi darbtejn, mhux izjed.”

Ghax hi u zewgha ghamlu xi zmien separati (fol 32).

11. Wara Gunju 1990 l-intimati ma hallsux kera mhabba l-kawza dwar hsarat. Din il-kawza saret biss kontra r-rikorrenti Frances Falzon ghax hi kienet qed tircevi l-kera u l-mizzewgin Falzon ma jistghux illum jiehdu vantagg u jghidu li l-kawza kellha ssir kontra t-tnejn (ara trattazjoni). Kienu separati, l-kera ta’ qabel il-kawza kienet qed tehodha Frances Falzon. Seta zewgha ma kienx jaf. F’dik il-kawza Frances Falzon ressqet l-eccezzjonijiet taghha fosthom li kellu jitharrek zewgha. Ghas-seduti quddiem il-Perit Legali ma dehret qatt u l-Qqorti ghaddiet ghas-sentenza. F’parti mix-xhieda taghha, r-rikorrenti Frances Falzon donna trid tghid li ma kienetx taf bil-kawza (fol 33-34). Tghid zgur li l-ittra tal-11 ta’ Marzu 1992 ma rcevithiex u darba “f’passiggata fil-kampanja” l-intimati qalulha li kellha “thallas xi kont il-Qorti” u qaltilhom li hi ma taf b’xejn (fol 34)

12. L-intimati gew mitluba jhallsu l-kera, (ammont ma jissemmiex), nofs lir-rikorrenti, nofs lir-rikorrenti b’ittra tad-19 ta’ Frar 1998 (fol 29). Fl-4 ta’ April 1998 saru zewg ittri ufficjali mir-rikorrenti ghal hlas tal-kera, sitt skadenzi f’wahda (fol 11), hames skadenzi fl-ohra (fol 9). L-ittri gew debitament notifikati u kera ma thallsitx. Ir-rikors gie prezentat fl-4 ta’ Awissu 1998. Ir-rikorrenti kiteb ittra registrata ghall-hlas ta’kera: 18 ta’ Lulju 1997 u 16 ta’ Dicembru 1997. L-intimata tghid li rceviet ittra wahda (fol 68).

13. L-intimata tghid li ghada tiddepozita l-flus taht l-Awtorita’ tal-Qorti u zammet flus mill-kera mhabba l-ispejjez tal-hsara (fol 68). Jirrizulta li r-rikorrenti ma ghamlu l-ebda tiswijiet kif lanqas ghamlu l-intimati. L-intimati kellhom jedd izommu l-kera ghall-ispejjez tat-tiswijiet (art 1541 (2)) basta jaghmlu xogholijiet. L-intimata fis-seduta tat-3 ta’ Ottubru 2001 tghid li ghanda kollox miktub dwar hsarat (fol 65-69). Fis-seduta tal-4 ta’ Marzu

2002 tghid li rcevuti m'ghandiex ghax qattethom, li min ghamlilha x-xoghol miet, li ma tafx fejn dan kien joqghod, li dan kien qabbadhulha haddiehor (fol 102-103). Ix-xogholijiet ma sarux kif ir-rikorrenti Alfred Falzon jghid li darba l-intimati qalulu li m'ghamlu xejn.

14. Ghalkemm iz-zewg ittri ufficjali ghal skadenza differenti intbaghtu fl-istess jum r-rikorrent baghtilhom ittra ohra qabel jigifieri ghal skadenza ohra.

15. Li kieku l-intimati ghamlu x-xogholijiet kellhom jedd li jzommu l-kera ta' hames snin flimkien ma' sitt (6) liri (Lm456). L-ahhar kera li thallas kien f'Gunju 1990. Imma lanqas hallsu l-kera ta' wara dak il-hames (5) snin. Iddepozitaw sitt xhur kera fid-9 ta' Frar 1999 (fol 78) fil-mori tar-rikors. Fl-ittra tal-avukat taghhom (fol 28) inkiteb:

"Altrimenti hija mhiex sejra thallsek kera fuq il-fond sakemm jinqata dan id-debitu tieghek"
(sottolinear tal-Bord)

16. Fir-risposta jinghad li kien hemm ftehim li ssir "tpacija" ghalhiex l-intimati ma hallsxu xejn u ma ddepozitaw xejn il-Qorti. L-intimata tghid li baqghet tiddepozita l-kera l-Qorti imma dan ma jirrizultax (fol 88). Tghid li l-kopji ta' l-ircevuti jirraprezentaw dak li tqieghed taht l-Awtorita' tal-Qorti.

17. L-intimati ssottomettew li l-interpellazzjonijiet messhom saru ghal kull skadenza, jigifieri jmisshom saru hdax-il interpellanza. Ma sarx hekk u allura l-interpellazzjonijiet li saru m'humiex skond il-ligi. Interpellazzjoni bhala din "tistultifika l-effett kollu tal-ligi." ("Ellul et vs Ellul," Appell mill-Bord, 22/10/98)

18. Jirrizulta li ghal perjodu twil l-intimati ma hallsux il-kera, gew interpellati skond il-ligi u baqghu inadepjenti Kellhom zmien twil biex ihallsu. Minkejja li kull naha gibdet lejha bis-shih bhal meta r-rikorrent jghid li qatt ma gie depozitat kera l-Qorti u jipprova jiehu vantagg mis-separazzjoni bejnu u bejn martu, n-nuqqas ta' hlas puntwali tal-kera jirrizulta.

Ghalhekk il-Bord jilqa' t-talba tar-rikorrenti jawtorizzahom jirripendu pussess tal-fond 76, Barracks Street, Qormi, ghall-fini ta' l-izgumbrament jipprefiggi it-terminu ta' tlett (3) xhur millum. Minhabba c-cirkustanzi fuq imsemmija l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet."

L-intimati appellaw minn din is-sentenza ghax hassewhom aggravati bil-fatt li l-Bord ma akkordax wisq attenzjoni lill-konsiderazzjoni illi huma kienu gustifikati li ma jhallsux il-kera biex ipattu ghall-ispejjes ta' riparazzjonijiet li huma kellhom jaghmlu fil-fond. F'dan il-kuntest huma jikkampaw l-argoment taghhom fuq is-sosteniment tas-sentenza tat-28 ta' Frar 1992 (kopja esebita a fol 21) u l-Artikolu 1541(2) tal-Kodici Civili. Jikkontendu ghalhekk li ma kienet tezisti l-ebda morozita` fil-hlas tal-kera li tiggustifika l-izgumbrament taghhom mill-fond lilhom affittat.

Ghal dan l-aggravju r-rikorrenti sidien wiegbu billi avvanzaw, b'espressjoni ta' opinjoni fuq il-kwestjoni legali, s-segwenti:-

1. Il-kawza ultimata bis-sentenza tat-28 ta' Frar 1992 ma saretx b'mod korrett billi din saret kontra r-rikorrenti Frances Falzon biss u mhux ukoll kontra r-rikorrenti l-iehor, ko-proprjetarju tal-fond;

2. Anke kieku ghall-grazzja tal-argument l-azzjoni saret kif suppost, xorta wahda ma ngiebet l-ebda prova kredibbli illi l-appellanti fil-fatt ghamlu t-tiswijiet li talbu li jsiru b'din l-istess azzjoni u sentenza dwarha;

3. L-appellanti nkwilini ma setghux arbitrarjament inaqqsu somma mill-kera dovut ghall-ispejjez. F'kull kaz, imbaghad, il-kera mitlub jeccedi s-somma tal-ispejjez kif mitluba u l-bilanc xorta wahda ma thallasx.

Ma jidherx li hu necessitat f'dan il-kaz li l-fatti jergghu jigu ri-epilogati anke ghaliex dawn huma dettaljatament u b'mod korrett redatti fis-sentenza appellata. Dak li invece jinhass xieraq li jigi replikat, trattandosi ta' materja ta'

morozita` u allura ukoll, b'konsegwenza, s-sanzjoni estrema ta' possibbli zgumbrament, hi din l-osservazzjoni estratta mis-sentenza fl-ismijiet "**AIC Joseph Barbara et –vs- Antonia Anastasi**", Appell, 28 ta' Frar 1997:-

"F'materja fejn il-ligi trid tissalvagwardja d-dritt tas-sid ghall-hlas tal-kera li hu wiehed mill-obbligi principali ta' l-inkwilin, is-sanzjoni ultima tal-izgumbrament hi naturalment mehtiega u ghandha tigi applikata, imma dan biss f'dawk il-kazijiet fejn il-ligi strettament timponiha. Id-dicitura tal-ligi ghandha tigi allura applikata imma l-interpretazzjoni li ghandha tinghata ghandha tkun restrittiva, anke jekk korretta. Dan ghaliex is-sanzjoni ta' l-izgombru ma hijiex mahsuba fil-ligi bhala xi <u>vantagg</u> li jista' jakkwista s-sid bhala konsegwenza tan-non pagament tal-kera fit-terminu stabbilit, imma bhala <u>deterrent</u> biex l-inkwilin jadempixxi l-obbligu tieghu li jhallas il-kera. Hu ghalhekk li l-gurisprudenza hi konkordi li ma timponix is-sanzjoni tal-izgumbrament f'dawk il-kazijiet fejn id-dispost tal-ligi ma jkunx gie osservat bi precizjoni jew fejn ic-cirkostanzi jkunu tali li l-inkwilin ikun legalment gustifikat fl-inosservanza ta' l-obbligi kontrattwali tieghu".

Ri-affermati dawn il-principji, dettati mill-bon sens u l-kawtela guridika, jibda biex jigi precizat illi "jispetta lis-sid li jipprova b'mod definit u bla dubbju ragjonevoli mhux biss li jkun ghamel interpellazzjonijiet skond il-ligi u li dawn ikunu waslu ghand l-inkwilin imma wkoll li l-inkwilin ikun baqa' inadempjenti" ("**Maria Concetta Vella –vs- Federico Galea**", Appell, 24 ta' Jannar 1997).

Fil-kaz in ezami mhux kontestat minn xi aggravju illi l-interpellazzjonijiet ma sarux, ossija li ma sarux zewg intimi a sensu tal-Artikolu 9(a) tal-Kap 69. Li fil-fatt saru jirrizulta mill-kopji taz-zewg ittri ufficjali a fol 9 u 11 prezentati rispettivament fil-21 ta' April 1998, u minn provi ohra, senjatament ix-xhieda tar-rikorrenti Alfred Falzon (fol 8) u d-dokumenti a fol 70 rapprezentanti registrazzjonijiet ta' ittri interpellatorji ghall-hlas. Lanqas ma hu dubitat li dawn l-interpellazzjonijiet ma waslux fid-destinazzjoni taghhom ghand l-intimati appellanti jew li l-hlas effettiv baqa' ma

sarx. Dak li invece hu kontrastat jincidi fuq il-vertenza tal-inadempjenza, o meno, tal-inkwilin.

Mill-attijiet tal-kawza jidher li l-appellanti rrezistew it-talbiet li sarulhom ghall-hlas tal-kera ghall-motiv illi, kif spjegat mill-intimata Monica Scerri, huma kienu konsiljati biex ma jhallsux sakemm jinqatghu l-ispejjez tat-tiswijiet u dawk tal-kawza. Ara deposizzjoni taghha a fol 65-68. Fir-rigward tissenjala l-ittra datata 11 ta' Frar 1992 (fol 28) li ntbaghtet mill-konsulent legali tal-intimati u li biha wissiet lir-rikorrenti Frances Falzon illi jekk tonqos li thallas il-kera ma kienx ser jithallas "sakemm jinqata' dan id-debitu tieghek".

Il-Qorti ser tissofferma fuq dan il-punt biex taghmel dawn l-osservazzjonijiet:-

1. Huwa pacifiku illi biex kerrej ikollu jedd jipprevalixxi ruhu mid-dispost tal-Artikolu 1541 tal-Kodici Civili u allura li jzomm il-kera maghluq dan hu obbligat isegwi l-procedura dettata minn dan id-dispost tal-ligi (**Kollez Vol XXXII pI p108**). Li jfisser allura illi "jekk il-konduttur ikun segwa din il-procedura huwa jkollu dritt izomm il-kera biex jithallas tal-ispejjez li jkun ghamel; u barra minn dan, il-lokatur ikun tenut ghad-danni li jkun sofra l-konduttur minhabba n-nuqqas jew id-dewmien tal-lokatur fl-ezekuzzjoni ta' dawk ir-riparazzjonijiet" (**Kollez Vol XXXIV pII p545**; **Vol XXXIII pII p233**).

2. Dan stabbilit, jirrizulta f'dan il-kaz li l-inkwilini appellanti pprocedew kontra sid wiehed biss tal-fond u ghalkemm is-sentenza taghmel stat kontra dan is-sid wiehed ma tistax tippregudika lis-sid l-iehor li ma kienx parti fil-proceduri.

3. Il-ligi tirreferi expressis ghall-ispejjez tat-tiswijiet. Skond is-sentenza tat-28 ta' Frar 1992 (fol 21) jinghad fil-parti decizorja taghha illi l-atturi inkwilini kienu intitolati jsewwu a spejjez tal-konvenuta Frances Falzon limitatament sas-somma ta' mitejn u sitta u sittin lira (Lm266), danni stabbiliti mill-espert tekniku AIC Joseph Huntingford. Li jfisser allura illi l-intitolar ghad-dritt taz-

zamma tal-kera kellu se mai jilhaq il-livell ta' din is-somma, u mhux ukoll tal-istess somma raggruppata mal-ispejjez tal-kawza.

4. Il-fatt li l-Qorti li ppronunzjat is-sentenza ordnat ukoll illi x-xoghlijiet isiru taht id-direzzjoni tal-espert taghha dan kellu l-iskop li jkun accertat li r-riparazzjonijiet ikunu tabilhaqq effettwati u mhux sempliciment li s-sid tigi interpellata taghmel tajjeb bil-hlas effettiv tas-somma likwidata minghajr ma jkunu saru l-istess riparazzjonijiet, kif hekk donnu gie pretiz mill-appellanti. Ara ittra tal-Avukat taghhom tal-11 ta' Marzu 1992 a fol 28.

5. Intant il-prova konklussiva li saru dawn it-tiswijiet baqghet ma saretx jew ghallanqas, mill-ezami tax-xhieda tal-appellanti Monica Scerri (fol 102), din il-prova ma saretx b'mod konvincenti. Jista' jinghad ghalhekk illi din il-Qorti ghandha dubji serji kemm dawn ir-riparazzjonijiet gew fir-realta` ezegwiti.

6. Ankorke kellu jkun accettat li dawn gew ezegwiti l-inkwilini appellanti, konsiderat il-fatt li r-rata tal-kera annwali kienet dik ta' disghin lira (Lm90), ma kellhomx certament imbaghad il-jedd li jibqghu jzommu lura mill-hlas tal-kera sakemm iridu u joghgobhom. Ma kienet tezisti l-ebda gustifikazzjoni biex jippretendu dan.

Minn din l-ahhar osservazzjoni titnissel ir-riflessjoni maghmula mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet "**Wisq Nobbli Konti Bernardo Manduca Piscopo Macedonia Zammit –vs- Geltrude Chalmers**", 13 ta' Novembru 1953 (**Kollez Vol XXXVII pI p325**). Dan fis-sens illi "l-inkwilin ma jistax jippretendi li jzomm il-kera biex jithallas jew jikkompensa kreditu minnu pretiz kontra l-lokatur, jekk ma jkunux wiehed mill-kazi li fihom il-ligi tippermetti lill-inkwilin li jzomm il-kera, jew jekk il-kreditu tieghu ma jkunx likwidu. Jekk il-konduttur jinsisti fir-rifjut tieghu li jhallas il-kera minhabba dik il-pretensjoni tieghu, huwa jinkorri fil-morozita` kontemplata mil-ligi biex huwa jiddekadi mil-lokazzjoni".

Kif gja fuq intqal l-appellanti, anke jekk talvolta kellu jigi accettat li huma segwew il-procedura lilhom permissibbli fil-ligi, xorta wahda ma gabux prova perswaziva manifestanti l-ezekuzzjoni tax-xoghlijiet ripartitrici a spejjez tas-sid, kif minnhom mitlub. Dippju, f'kull kaz, ma kienx konsentit lilhom, kif fil-fatt jirrizulta li hekk ghamlu, li jibqghu jzommu l-kera maghluq oltre l-ammont tal-kompensazzjoni stabbilit. Kera li ma jirrizultax lanqas mill-atti li huma ghaddew ghad-depozitu tieghu.

Taht dawn ic-cirkostanzi aktarx milli wiehed jara fl-atteggjament tas-sidien appellati xi manuvra halli jissorprendu l-buona fede tal-appellanti, kerrejja taghhom u jgibuhom moruzi fil-kera, fl-liema kaz, kif gja rilevat, il-morozita` ma titqiesx provata ghall-fini tal-ligi specjali kif hekk ritenut fi skorta ta' sentenzi (Ara, b'ezemplari, **Kollez Vol XXXVII pI p301** u "**Doris Attard –vs- Julian Borg**", Appell, 28 ta' Gunju 2001), izda aktarx tentattiv biex l-appellanti jehilsu mill-effetti tal-morozita`. Raggunta din il-konkluzjoni din il-Qorti ma ssibx raguni serja biex tvarja s-sentenza appellata.

Ghal dawn il-motivi qed tichad l-appell u b'hekk tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez gudizzjarji ta' din l-istanza jitbatew mill-appellanti. Il-perijodu tat-tliet xhur iffissat mill-Bord ghall-fini tal-izgumbrament jibda ghaddej mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------